MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 125/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jennifer Busuttil**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali minn sentenza liberatorja, li titratta principalment dwar ir-reat ta' vilipendju tar-religjon, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Marzu 2009.

**2.** Jennifer Busuttil (bint Paul u Catherine nee Farrugia, imwielda fis-7 ta' Lulju 1984, u detentrici tal-karta ta' l-identita` nru 351384(m)) giet imharrka b'att ta' citazzjoni (li jgib id-data 10 ta' Marzu 2009) akkuzata talli fil-21 ta' Frar 2009 ghall-habta tal-ghaxra u ghaxra ta' filghaxija, fi Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex, waqt il-"karnival spontanju" (**i**) b'gesti, jew le, jew b'xi mezz iehor vizibbli,

kasbet pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta' Malta, inkella offendiet ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbret lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-Religjon Kattolika Apostolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon, u (**ii**) talli wkoll minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta' l-awtorita` kompetenti, libset abiti sagri (cioe` libset ta' soru).

**3.** Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2009 aktra 'l fuq imsemmija, illiberat lill-imsemmi Jennifer Busuttil mill-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

**4.** L-Avukat Generali – wara li saret id-debita nota mill-Pulizija Ezekuttiva skond ma jipprovdi l-Artikolu 414 tal-Kodici Kriminali – appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors ta' appell prezentat quddiem din il-Qorti fit-13 ta' April 2009. L-aggravju tieghu hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti "ghaddiet (ghad-decizjoni liberatorja taghha) wara li ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta jew inkompleta ta' l-artikolu 163 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta". Fi kliem iehor, l-Avukat Generali qed jirradika d-dritt ta' appell tieghu mhux a bazi ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kap 9 (u dan ghar-raguni ovvja li r-reat kontemplat fl-Artikolu 163 igorr piena massima ta' sitt xhur prigunerija, u ghalhekk huwa reat li jirrientra fil-kompetenza "originali" tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-Artikolu 370(1)), izda qed jibbaza l-appell tieghu fuq id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 413(1)(b)(iv)(*i*) tal-imsemmi Kodici, kif din id-disposizzjoni giet interpretata matul is-snin minn din il-Qorti (u, qabilha, mill-Qorti Kriminali mata dik il-Qorti kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati). L-Avukat Generali qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellata Busuttil mit-tieni imputazzjoni, izda thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatha mill-ewwel imputazzjoni u minflok issibha hati ta' din l-ewwel imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**5.** Dana l-appell huwa indentiku ghall-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Saliba** (App. nru 120/09), deciz illum stess. F'din il-kawza wkoll l-appellata Grech eccepiet l-irritwalita` ta' l-appell ta' l-Avukat Generali. Il-fatti huma wkoll identici ghall-kaz ta' Saliba, bid-differenza li l-appellata Grech ma kellhiex daqna kif kellu Saliba. A skans ta' ripetizzjoni, ghalhekk, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet kollha maghmula fis-sentenza msemmija **Il-Pulizija v. Jonathan Saliba** li huma applikabbli, *mutatis mutandis*, ghall-appell odjern.

**6.** Konsegwentement din il-Qorti, prevja r-rigett tal-pregudizzjali sollevata mill-appellata Grech, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------